

## II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 2008

**li temenda, għal dak li jikkonċerna l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu, id-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali**

(2009/105/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2008/16 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Novembru 2008 lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-ħatra tal-awditur estern tal-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti maħtura fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u approvati mill-Kunsill.
- (2) Il-mandat tal-awditur estern attwali għall-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu ser jiskadi wara l-verifika tal-kontijiet tas-sena finanzjarja tal-2008. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi maħtur awditur estern mis-sena finanzjarja 2009.
- (3) Il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE irrakkomanda li KPMG AUDIT Sarl jinħatar bħala l-awditur estern tal-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu għas-snin finanzjarji mill-2009 sal-2013.

- (4) Huwa xieraq li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u li tiġi emendata d-Deċiżjoni 1999/70/KE kif meħtieġ.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE <sup>(2)</sup>, il-paragrafu 7 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

“7. KPMG AUDIT Sarl huwa approvat bħala l-awditur estern tal-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu għas-snin finanzjarji mill-2009 sal-2013.”

*Artikolu 2*

Il-BĊE għandu jiġi mgħarraf b'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi publikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kunsill  
Il-President  
M. BARNIER

<sup>(1)</sup> ĠU C 299, 22.11.2008, p. 5.

<sup>(2)</sup> ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69.